

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità**

(2011/C 343/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal Opinjoni skont l-Artikolu 28 (2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

**I. INTRODUZZJONI****I.1. Konsultazzjoni tal-KEPD**

1. Fit-8 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità <sup>(3)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta"). Il-Proposta ntbagħtet għal konsultazzjoni lill-KEPD fl-istess jum.
2. Il-KEPD huwa kument li ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28 (2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u jilqa' r-referenza għal din l-Opinjoni li ġiet inkluża fil-preambolu tal-Proposta.
3. Il-KEPD jilqa' wkoll il-fatt li qabel ingħata l-possibbiltà li jipprovdi kummenti informali dwar l-abbozz tal-Proposta.

**I.2. Għanijiet u ambitu tal-Proposta**

4. Il-Proposta għandha l-għan li timplimenta sħarriġ ġdid <sup>(4)</sup> fl-Unjoni Ewropea dwar is-sikurezza mill-kriminalità. Din se twaqqaf qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea paragonabbli permezz tal-ġbir, il-kumpilazzjoni, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' data Ewropea armonizzata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>(3)</sup> KUMM(2011) 335 finali.

<sup>(4)</sup> L-Istati Membri huma awtorizzati wkoll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Proposta billi jibdlu l-istħarriġ nazzjonali eżistenti.

5. Il-kategoriji tad-data li għandha tiġi pproċessata huma elenkati fl-Anness I tal-Proposta, u jinkludu mistoqsijiet fid-dettall dwar l-isfond soċjodemografiku ta' dawk li wiegħbu għall-istħarriġ, inċidenti possibbli ta' vjolenza sesswali u fiżika li jista' jkun li sofrew, is-sentimenti tagħhom ta' sikurezza u l-attitudnijiet tagħhom għall-infurzar tal-liġi u l-prekawzjonijiet tas-sikurezza.
6. Il-Proposta tirregola t-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) kif ukoll it-tqassim u l-aċċess għal data għal għanijiet xjentifiċi. Se jiġu adottati arranġamenti prattiċi għall-iskema tal-kodifikazzjoni tad-data u għall-iskambju tal-mikrodata permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

### I.3. L-Għan tal-Opinjoni tal-KEPD

7. Din l-Opinjoni sejra tanalizza l-elementi tal-Proposta li huma relatati mal-ipproċessar tad-data personali. Hija bbażata fuq żewġ Opinjonijiet preċedenti tal-KEPD f'dan il-qasam li jikkonċernaw, rispettivament, ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 li jipprovi qafas ta' referenza għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea <sup>(1)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 dwar l-istatistika dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol <sup>(2)</sup>.
8. L-Opinjoni tirreferi wkoll għar-Regolament (KE) Nru 831/2002 rigward fakultà ta' użu ta' data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi <sup>(3)</sup>, li bħalissa qiegħed jiġi rivedut. Il-KEPD kieku jilqa' talba għal konsultazzjoni f'dan ir-rigward. Ir-referenzi f'din l-Opinjoni għar-Regolament (KE) Nru 831/2002 huma bla ħsara għall-parir li l-KEPD jista' jipprovi f'dak il-kuntest.

## II. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

### II.1. Kummenti introduttorji

9. Il-KEPD huwa konxju tal-importanza tal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim ta' data ta' statistika, kif iddikjara f'okkażjonijiet preċedenti <sup>(4)</sup>. Madankollu, huwa mħasseb dwar ir-riskju li s-suġġetti tad-data jstgħu jiġu identifikati u l-fatt li data sensitiva, bħal data dwar is-saħħa, il-ħajja sesswali u reati, qed tiġi pproċessata.
10. Il-KEPD jilqa' r-referenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li jsiru fil-Premessi 6 u 7 tal-Proposta, iżda jiddispaċi li l-impatt potenzjali tal-Proposta dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data ma ġiex indirizzat fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanjaha.
11. Din l-Opinjoni tiddiskuti l-possibbiltà li jiġu identifikati s-suġġetti tad-data fil-kuntest tal-istatistika u fil-Proposta (parti II.2) u l-applikabbiltà tal-qafas tal-protezzjoni tad-data (parti II.3). Sussegwentement, il-parti II.4 tanalizza l-ipproċessar ta' data sensitiva. Fil-parti II.5, l-Opinjoni tiffoka fuq salvagwardji ta' sikurezza u anonimizzazzjoni u finalment tindirizza l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-data fil-parti II.6.

### II.2. Il-possibbiltà li s-suġġetti tad-data jiġu identifikati

12. Id-data personali hija definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 bħala kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-data"). Din l-identifikazzjoni tista' tkun diretta, pereżempju permezz ta' isem, jew indiretta, pereżempju permezz ta' numru ta' identifikazzjoni jew fatturi oħra. Għalhekk, sakemm ikun hemm il-possibbiltà li persuni naturali jiġu identifikati, id-data rilevanti hija meqjusa bħala data personali, u għalhekk tapplika l-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data.

<sup>(1)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistiċi Ewropej, ĠU C 308, 3.12.2008, p. 1. (disponibbli fuq [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Opinions/2008/08-05-20\\_Statistics\\_MT.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Opinions/2008/08-05-20_Statistics_MT.pdf)) u r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>(2)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, ĠU C 295, 7.12.2007, p. 1. (disponibbli fuq [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Opinions/2007/07-09-05\\_Statistics\\_health\\_data\\_MT.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Opinions/2007/07-09-05_Statistics_health_data_MT.pdf)) u r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, rigward fakultà ta' użu ta' data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7).

<sup>(4)</sup> Opinjonijiet tal-KEPD dwar l-istatistika, imsemmija hawn fuq.

13. Fil-kuntest tal-istatistika, il-possibbiltà ta' identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data hija relatata l-aktar mal-mikrodata <sup>(1)</sup>, li jkun fiha informazzjoni dwar unitajiet ta' statistika individwali. Filwaqt li riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika u utenti oħra jistgħu jitolbu aċċess għall-aktar mikrodata possibbli u fl-aktar dettall possibbli sabiex iżidu l-kwalità u l-flessibilità tar-riċerki tagħhom, dawk li wiegħbu jeħtieġu garanzija li d-data personali tagħhom se tkun protetta, speċjalment meta l-istħarriġ ikun jittratta kwistjonijiet sensitivi, bħalma huwa l-każ f'din il-Proposta. Il-protezzjoni tad-data personali qajmet tħassib ukoll fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 831/2002 <sup>(2)</sup>.
14. Fir-rigward tal-possibbiltà tal-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data, żewġ kunċetti differenti huma rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istatistika: "data kunfidenzjali" u "data anonima". Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, data li tippermetti li unitajiet tal-istatistika (li jistgħu jkunu persuni naturali, familji, operaturi ekonomiċi jew impriżi oħra) jkunu "identifikati, direttament jew indirettament", hija kkunsidrata bħala "data kunfidenzjali" <sup>(3)</sup> u għalhekk hija suġġetta għal kunfidenzjalità ta' statistika <sup>(4)</sup>. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 831/2002 jiddefinixxi data kunfidenzjali bħala data "li tippermetti biss identifikazzjoni indiretta". Bħal fil-Proposta, l-unitajiet tal-istatistika jirreferu għal persuni naturali (kif ukoll gruppi ta' nies li jgħixu taħt saqaf wieħed) <sup>(5)</sup>, f'dan il-każ, data kunfidenzjali tinkludi data personali u għalhekk il-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data se tapplika irrispettivament minn jekk id-data tippermettix identifikazzjoni diretta jew indiretta.
15. Id-definizzjoni ta' "data anonima" hija wkoll kemmxejn differenti f'dawn iż-żewġ Regolamenti. Filwaqt li "mikrodata anonimizzata" hija deskritta fir-Regolament (KE) Nru 831/2002 bħala rekords ta' statistika individwali li fihom, ir-riskju ta' identifikazzjoni għe "minimizzat" <sup>(6)</sup>, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, "rekords anonimizzati" huma dawk "li ġew preparati b'tali mod li l-unità tal-istatistika ma tistax jiġi identifikata, direttament jew indirettament, meta jittieħed kont tal-mezzi kollha relevanti li jistgħu jintużaw b'mod raġonevoli minn terza persuna" <sup>(7)</sup>. Din tal-aħħar hija paragonabbli mad-definizzjoni pprovduta fil-Premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Premessa 8 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, skont liema d-data personali hija "magħmula anonima" meta s-suġġett tad-data "ma jibqax aktar" identifikabbli, filwaqt li jitqiesu l-"mezzi kollha li x'aktarx li jistgħu jiġu raġonevolment użati jew mill-kontrollur jew minn kull persuna oħra li tidentifika l-imsemmija persuna" <sup>(8)</sup>.

<sup>(1)</sup> Definita fil-Proposta bħala "rekords individwali ta' statistika" u fid-Database tal-Kunċetti u Definizjonijiet tal-Eurostat bħala "osservazzjonijiet mhux aggregati, jew kejl ta' karatteristiċi ta' unitajiet individwali. Sett ta' mikrodata huwa r-riżultat ta' s'harrig jew ġbir ta' data b'mod ieħor wara editjar u imputazzjoni tal-livell tal-unità u tqabbil possibbli ma' data oħra tal-livell tal-unità. Dan jorganizza d-data tal-livell tal-unità sabiex ir-relazzjonijiet bejn l-unitajiet individwali u l-karatteristiċi tagħhom ikunu jistgħu jiġu identifikati, sabiex ikunu permissibbli l-forom kollha ta' aggregazzjoni". (Id-Database tal-Kunċetti u Definizjonijiet tal-Eurostat, disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=DSP\\_GLOSSARY\\_NOM\\_DTL\\_VIEW&StrNom=CODED2&StrLanguageCode=EN&IntKey=22564850&RdoSearch=BEGIN&TxtSearch=microdata&CboTheme=&IntCurrentPage=1](http://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=DSP_GLOSSARY_NOM_DTL_VIEW&StrNom=CODED2&StrLanguageCode=EN&IntKey=22564850&RdoSearch=BEGIN&TxtSearch=microdata&CboTheme=&IntCurrentPage=1), l-aktar aċċess riċenti sar fis-17.8.2011)

<sup>(2)</sup> It-tħassib ewlieni tal-Istati Membri rigward ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) No 831/2002 jinkludu "l-assigurazzjoni ta' protezzjoni tad-data, livelli tal-impatt tal-kunfidenzjalità, il-kwistjoni ta' pussess tad-data u kontroll tal-aċċess" (Eurostat, Rapport fil-qosor tat-tmien laqgħa tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika u l-Konferenza numru sitta u sittin tal-EEA tal-10.2.2011, disponibbli fuq [http://www.europarl.europa.eu/RegData/docs\\_autres\\_institutions/commission\\_europeenne/comitologie/info/2011/CMTD\(2011\)0018/COM-AC\\_DI\(2011\)S013045-01\\_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/docs_autres_institutions/commission_europeenne/comitologie/info/2011/CMTD(2011)0018/COM-AC_DI(2011)S013045-01_EN.pdf), l-aktar aċċess riċenti sar fis-17.8.2011).

<sup>(3)</sup> Ara l-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

<sup>(4)</sup> Irregolata mill-Artikolu 2(1)(e) u l-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, u r-Regolament (KE) Nru 831/2002.

<sup>(5)</sup> Ara l-Artikolu 1 tal-Proposta.

<sup>(6)</sup> L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

<sup>(8)</sup> Skont il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-kriterju ta' "l-mezzi kollha li raġonevolment aktarx jintużaw" għandu jikkontempla l-fatturi kollha involuti, eż., "l-ispiża biex titwettagħ identifikazzjoni, (...) l-iskop intenzjonat, il-mod li kif ikun strutturat l-ipproċessar, il-vantaġġ mistenni mill-kontrollur, l-interessi involuti għall-individwi, kif ukoll ir-riskju ta' disfunzjonijiet organizzattivi (eż. ksar ta' dmirijiet ta' kunfidenzjalità) u ħsarat tekniċi". It-tekniki magħżula tal-anonimizzazzjoni għandhom ikunu adattati wkoll skont l-iżviluppi teknoloġiċi li fil-futur jistgħu jippermettu l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data (Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, l-Opinjoni 4/2007 dwar il-kunċett ta' data personali, l-20 ta' Ġunju 2007, (WP 136), p. 15, disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/wpdocs/2007/wp136\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/wpdocs/2007/wp136_mt.pdf), l-aktar aċċess riċenti sar fis- 17.8.2011).

16. Għalhekk, wara l-anonimizzazzjoni tal-mikrodata fis-sens tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, li tkun tapplika biss għall-Proposta preżenti f'każ li mikrodata tiġi rilaxxata pubblikament, id-data ma tibqax titqies bħala data personali u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ma japplikawx.
17. Madankollu, id-data li mhix ikkunsidrata anonimizzata fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 831/2002 ma tistax tiġi anonimizzata skont id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001, minħabba li jista' jibqa' r-riskju ta' identifikazzjoni, u għalhekk għandha tkun soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data. Din id-definizzjoni ta' anonimizzazzjoni se tapplika fil-Proposta attwali għal settijiet ta' mikrodata rilaxxati f'każ li l-istħarriġ rilevanti jiġi inkluż sussegwentement fil-lista tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

### II.3. Applikabbiltà tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001

#### II.3.1. Ġbir tad-data

18. L-għan tal-Proposta huwa li twaqqaf qafas komuni għall-"produzzjoni ta' statistika Ewropea dwar is-sikurezza mill-kriminalità, permezz tal-ġbir, il-kompilazzjoni, l-ipproċessar u t-trażmissjoni mill-Istati Membri" <sup>(1)</sup> ta' data komparabbli dwar il-kriminalità u s-sikurezza.
19. Id-data se tinġabar mill-Istati Membri u se tintbagħat lill-Eurostat, li għandha tqassamha u tagħmilha disponibbli għar-riċerkaturi. Għalkemm il-Proposta ma tirregolax kif isir il-ġbir mill-Istati Membri, hija tispeċifika liema data għandha tiġi trasferita lill-Eurostat. Għalhekk, il-mistoqsijiet li jintalbu lil dawk li jwieġbu l-istħarriġ se jiġu stabbiliti bil-kategoriji tad-data li l-Istati Membri huma meħtieġa li jittrasferixxu lill-Eurostat, li huma stabbiliti fl-Anness I tal-Proposta.
20. L-Anness I jitlob b'mod espliċitu fil-paragrafu 6 l-"identifikazzjoni tar-risponent". Bl-istess mod, waħda mill-mistoqsijiet li għandha ssir fl-istħarriġ fir-rigward tal-vjolenza fiżika mis-sieħeb/sieħba u mhux mis-sieħeb/sieħba hija "min wettaq id-delitt" (Paragrafu 7(1) tal-Anness I). Jekk dawn il-mistoqsijiet jiġu mwieġba permezz ta' isem, id-data sejra tirrigwarda individwi identifikati *direttament*.
21. Il-KEPD huwa konxju li l-għan ta' dawn il-mistoqsijiet mhuwiex li jiksbu l-ismijiet tar-risponent u l-aggressur, iżda probabbilment li jiġi assenjat kodiċi lir-risponent jew li jintalbu karatteristiċi speċifiċi tal-aggressur allegat, bħall-eżistenza u l-grad tar-relazzjoni familjari. Barra minn hekk, il-KEPD jilqa' l-fatt li l-identifikaturi diretti m'għandhomx jintbagħtu lill-Eurostat, skont l-Artikolu 7(1) tal-Proposta, iżda għandhom jitnehew minn qabel. Madankollu, il-KEPD jirrakkomanda li d-deskrizzjonijiet ta' dawn il-varjabbli fil-punti 6 u 7(1) tal-Anness I jiġu modifikati sabiex jiġi ċċarat liema informazzjoni speċifika hija eżattament meħtieġa u sabiex jiġi evitat li dawn l-identifikaturi diretti jinġabru bla bżonn mill-Istati Membri.
22. Anke mingħajr identifikaturi diretti, id-data miġbura possibbilment xorta tibqa' tippermetti identifikazzjoni *indiretta* "b'referenza għal numru ta' identifikazzjoni" jew, minħabba l-għadd elaborat ta' oqsma ta' data mitluba fl-istħarriġ, b'referenza "għal fattur wieħed jew aktar speċifiku għall-identità tiegħu jew tagħha fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali" <sup>(2)</sup>. Għalhekk, l-ipproċessar tad-data mill-Istati Membri huwa suġġett għal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE.
23. F'dan ir-rigward, il-KEPD jixtieq jenfasizza l-fenomeni ta' kombinazzjonijiet uniċi jew rari, fejn il-kombinazzjoni ta' biċċiet differenti ta' informazzjoni tippermetti li s-suġġetti tad-data jkunu differenzjati minn oħrajn u għalhekk jiġu identifikati, kif ġie rilevat mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Ara l-Artikolu 1 tal-Proposta.

<sup>(2)</sup> L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

<sup>(3)</sup> "Kombinazzjoni ta' dettalji fuq livell ta' kategoriji (il-kategorija tal-età, l-orijini reġjonali, eċċ.) tista' wkoll tkun pjuttost konklużiva, partikolarment jekk wieħed ikollu aċċess għal informazzjoni addizzjonali ta' xi tip. Dan il-fenomeni ġie studjat b'mod estensiv minn studju tal-istatistika, dejjem ħerqana li jevitaw ksur ta' kunfidenzjalità" (Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, l-Opinjoni 4/2007 dwar il-kunċett ta' data personali, l-20 ta' Ġunju 2007, (WP 136), p. 1, disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/wpdocs/2007/wp136\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/wpdocs/2007/wp136_mt.pdf)).

### II.3.2. Trażmissjoni aċċess u tqassim

24. Il-possibbiltà ta' identifikazzjoni se tibqa' fil-mument tat-Trażmissjoni tad-data lill-Eurostat u meta jkun hemm aċċess għal din id-data mir-riċerkaturi, minħabba li l-Artikolu 7(1) tal-Proposta <sup>(1)</sup> ma jeħtiġx it-tneħħija ta' identifikaturi indiretti, kif diskuss hawn fuq. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1) u 7(2) jitolbu b'mod espliċitu li l-Istati Membri jittrasferixxu l-mikrodata kunfidenzjali lill-Eurostat. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 9(2) tal-Proposta <sup>(2)</sup>, l-Eurostat jista' jipprovi aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi.
25. Kif diskuss hawn fuq, id-data kunfidenzjali hija data li tippermetti mill-inqas l-identifikazzjoni indiretta ta' unitajiet statistiċi, li f'dan il-każ jinkludu persuni naturali. Għalhekk, l-ipproċessar tad-data mill-Eurostat u l-aċċess għaliha mir-riċerkaturi se jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali li japplikaw għalih id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.
26. Fir-rigward tat-tqassim, l-Artikolu 9(1) jiddikjara li l-Eurostat "għandha tqassam l-istatistika dwar is-sikurezza mill-kriminalità qabel il-31 ta' Diċembru 2014", iżda ma jispeċifikax il-modalitajiet li dan it-tqassim għandu jsir bihom. Jekk l-istħarriġ li se jiġi stabbilit b'din il-Proposta jiġi sussegwentement inkluż fil-lista tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 831/2002, ir-riskju ta' identifikazzjoni se jiġi "minimizzat" biss qabel ir-rilaxx tal-mikrodata. F'dan il-każ, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001, sakemm l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data tkun għadha possibbli.
27. F'każ li l-mikrodata tkun ġiet imqassma pubblikament, japplika l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, li jeħtieġ anonimizzazzjoni fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 qabel ma l-unitajiet statistiċi individwali jitqassmu fl-għamla ta' fajl pubbliku. Wara anonimizzazzjoni f'dan is-sens, il-mikrodata ma tibqax titqies bħala dejta personali u għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 ma jkunx applikabbli aktar.

### II.4. L-ipproċessar ta' data sensittiva

28. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-data personali in kwistjoni taqa' fi ħdan kategorija speċjali ta' data li hija soġġetta għal regoli iktar stretti fid-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001. L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 jipprojbixxu b'mod espliċitu, ħliet taħt kundizzjonijiet stretti, l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija trade-unjonistika, u l-ipproċessar ta' data dwar saħħa jew haġja sesswali u tirrestrinġi l-ipproċessar ta' data personali marbuta ma' offiċi, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà <sup>(3)</sup>.
29. L-Istati Membri huma meħtieġa li jissottomettu lill-Eurostat, fost kategoriji oħra, data dwar ir-relazzjonijiet attwali u tal-passat; vjolenza fiżika u sesswali mis-sieħeb/sieħba u mhux mis-sieħeb/sieħba; trattamenti mediċi; esponiment għad-droga; reati u l-oriġini nazzjonali tar-rispondenti u tal-ġenituri tagħhom. Dawn il-kategoriji jinkludu data dwar is-saħħa, il-haġja sesswali u reati u jistgħu jikxfu l-oriġini etnika. Hawn taħt hawn xi eżempji.
- Data relatata mas-saħħa: "jekk ir-risponent safax midrub; jekk kienx hemm bżonn ta' trattament mediku fil-punti 2(2)(4) u 7(1); jekk ir-risponent kienx espost għall-probemi tad-droga" fil-punt 3; "jekk qatt xi ħadd (...) tax daqqa ta' ponn (...), jew ta bis-sieq, kaxkar jew ta xebgħa; (...) fegax jew haraqx li xi ħadd, hedded jew uża arma tan-nar, sikkina jew arma oħra" fil-punt 7(1); u "jekk qatt is-sieħeb/sieħba preżenti jew sieħeb/sieħba fil-passat (...) tawx daqqa ta' ħarta jew waddbux (...)" fil-punt 7(3).
  - Data relatata mal-haġja sesswali: "relazzjonijiet fil-passat, l-istat ċivili de facto" (mitlub flimkien ma' "l-istat ċivili") fil-punt 5; "jekk qatt xi ħadd (...) sforza l-illu nnifsu fuq xi ħadd ieħor f'kopulazzjoni

<sup>(1)</sup> U r-Regolament (KE) Nru 223/2009 (imsemmi hawn fuq), li hemm referenza għalih f'dan l-Artikolu.

<sup>(2)</sup> U r-Regolament (KE) Nru 831/2002 (imsemmi hawn fuq), li hemm referenza għalih f'dan l-Artikolu.

<sup>(3)</sup> L-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

sesswali mhux mixtieqa (...), jew għamel xi ħaġa oħra sesswalment li ma kinitx mixtieqa” fil-punt 7(2), u “jekk ir-risponent kellux attività sesswali mhux mixtieqa minħabba li kien imbeżża’ minn x’seta’ jagħmillu s-sieħeb li għandu bħalissa jew li kellu qabel” fil-punt 7(4).

- Data li tista’ tikxef l-orijini razzjali jew etnika taħt ċerti kundizzjonijiet: il-pajjiż tat-twelid tal-omm; il-pajjiż tat-twelid tal-missier (mitlub flimkien ma’ ‘il-pajjiż tat-twelid’) fil-punt 5, u l-lingwa użata għall-intervista fil-punt 6.
- Data relatata ma’ reati suspettati jew kundanni kriminali: “esperjenza tal-kriminalità skont it-tip ta’ kriminalità; kriminalità marbuta mad-djar; kriminalità mhux konvenzjonali” kif ukoll lista twila ta’ dettalji tad-delitti (il-punti 1 u 2).

30. L-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 10(2) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fihom eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tal-ipproċessar dawn il-kategoriji ta’ data. Fil-każ preżenti, jistgħu japplikaw l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jippermettu l-ipproċessar ta’ tali data għal raġunijiet ta’ “interess pubbliku sostanzjali”. Din l-eċċezzjoni madankollu hija suġġetta għall-għoti ta’ “protezzjoni xierqa” u għandha tkun “espressament meħtieġa bil-liġi” <sup>(1)</sup>.
31. Fir-rigward dan ir-rekwiżit tal-aħħar, il-KEPD jemmen li Regolament, li se jiġi adottat bil-proċedura leġislattiva ordinarja kif meħtieġ mill-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, se jipprovdi bażi legali adegwata għall-ipproċessar.
32. Madankollu, l-“interess sostanzjali pubbliku” rilevanti li jiġġustifika l-għbir, it-trażmissjoni u t-tqassim ta’ tali data dettaljata u sensittiva mhuwiex iddikjarat biżżejjed fil-Proposta. Skont l-Artikolu 1 tagħha, il-Proposta timmira li tistabbilixxi “qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim ta’ statistika Ewropea komparabbli dwar is-sikurezza mill-kriminalità”. Iżda għalkemm il-Memorandum ta’ Spjegazzjoni u l-Preambolu jipprovdu spjegazzjonijiet dwar il-kuntest politiku rilevanti, dawn ma jagħmlux l-għanijiet speċifiċi jew l-għanijiet politiċi segwiti mill-istatistika espliċiti. Dawn jissemmew parzjalment biss fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva mehmuża mal-Proposta <sup>(2)</sup>.
33. Il-KEPD għalhekk jirrakkomanda li jiġi ddikjarat b’mod ċar fil-preambolu tal-Proposta l-interess pubbliku sostanzjali li jiġġustifika l-ipproċessar, kif sar f’regolamenti oħra li jeħtieġu l-ipproċessar tad-data tas-saħħa <sup>(3)</sup> u t-twaqqif tal-istatistika Ewropea <sup>(4)</sup>. Dan huwa importanti wkoll għall-evalwazzjoni tal-ħtieġa tal-ipproċessar ta’ tali kategoriji dettaljati ta’ data sensittiva, minħabba li jistgħu jkunu eċċessivi u ma jistgħux jitqiesu bħala rilevanti jekk l-iskop ma jiġix speċifikat b’mod ċar.

<sup>(1)</sup> L-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

<sup>(2)</sup> Il-Paragrafu 1.4.3. tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva tiddikjara li wieħed mir-“riżultati mistennija” tal-Proposta huma statistika biex isservi ta’ sfond għat-tfassil ta’ politiki għall-promozzjoni tas-sikurezza u l-prevenzjoni tal-kriminalità (p. 23 tal-Proposta) u skont il-Paragrafu 1.5.2. il-“valur miżjud tal-involvement tal-UE” huwa “il-komparabbiltà tar-riżultati dwar is-sikurezza mill-kriminalità fil-livell tal-UE li tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza”.

<sup>(3)</sup> Il-Premessa 23 tar-Regolament (UE) Nru 1235/2010 dwar il-farmakoviġilanza tiddikjara li “L-għan li tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika jikkostitwixxi interess pubbliku sostanzjali u konsegwentement l-ipproċessar tad-data personali jista’ jiġi ġustifikat jekk id-data identifikabbli dwar is-saħħa tiġi pproċessata biss meta jkun meħtieġ u biss meta l-partijiet involuti jivvalutaw din il-ħtieġa f’kull stadju tal-proċess tal-farmakoviġilanza”. (Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta’ terapija avanzata, (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1)).

<sup>(4)</sup> Il-Premessa 12 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008 (op.cit.) tiddikjara li “Ir-rekwiżiti statistiċi li jinjalghu fl-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika, mill-istrategġija nazzjonali għall-iżvilupp ta’ kura tas-saħħa ta’ kwalità għolja, aċċessibbli u sostenibbli, u mill-istrategġija tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, kif ukoll ir-rekwiżiti li jinjalghu b’rabta mal-indikaturi strutturali, l-indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli u l-ECHI u settijiet oħra ta’ indikaturi meħtieġa li jiġu żviluppatti għal skopijiet ta’ monitoraġġ tal-azzjonijiet politiċi u l-istrategġija Komunitarji u nazzjonali floqsmas tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, jikkostitwixxu interess pubbliku sostanzjali”.

## II.5. Protezzjoni tas-sikurezza u anonimizzazzjoni

34. Fir-rigward tal-ħtieġa għal “protezzjoni xierqa”, il-KEPD jinnota r-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 223/2009, ir-Regolament (KE) Nru 831/2002 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea <sup>(1)</sup>, li jeħtieġu l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali. Iżda, kif diġà ġie rilevat mill-KEPD <sup>(2)</sup>, il-fatt li d-data relatata direttament jew indirettament ma' persuni naturali identifikabbli hija kkunsidrati bħala data kunfidenzjali u ttrattata bħala tali, fih innifsu, ma jiżgurax li l-ipproċessar ta' din id-data se jikkonforma bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data. F'dan is-sens, il-KEPD jilqa' r-referenzi għad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 li jsiru fil-Preambolu tal-Proposta.
35. Madankollu, meta titqies in-natura sensittiva tad-data li għandha tiġi pproċessata u l-fatt li l-għanijiet ta' statistika jistgħu jiġu sodisfatti minn mikrodata anonimizzata <sup>(3)</sup>, il-KEPD jenfasizza li d-data għandha tiġi anonimizzata malajr kemm jista' jkun fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 <sup>(4)</sup>. F'każ li, minħabba l-livell ta' dettall li huwa meħtieġ għall-istħarriġ, anonimizzazzjoni sħiħa tal-mikrodata ma tkunx tista' tiġi ggarantita qabel it-trażmissjoni lill-Eurostat jew qabel jingħata aċċess lir-riċerkaturi, u jekk dan ikun ġustifikat b'mod ċar, il-Proposta għandha mill-inqas tistinka biex ikun hemm anonimizzazzjoni fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 831/2002 (minimizzazzjoni tar-riskji ta' identifikazzjoni).
36. Data kunfidenzjali, li f'dan il-każ tkun data sensittiva, għandha tiġi pproċessata biss jekk ikun meħtieġ, jiġifieri, jekk l-istess għanijiet xjentifiċi ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mikrodata li għet anonimizzata fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 jew fejn ir-riskji ta' identifikazzjoni ġew imnaqqa fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 831/2002. Id-data rilaxxata lill-pubbliku għandha fi kwalunkwe każ tkun anonimizzata fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
37. Sal-anonimat tagħhom fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001, id-data jeħtieġ li tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità u s-sigurtà, kif meħtieġ mill-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE, u l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Dawn il-miżuri għandhom iqisu r-riskji rrappreżentati mill-ipproċessar u n-natura sensittiva tad-data li għandha tiġi protetta.
38. Barra minn hekk, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 jipprovdi li “l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data minħabba n-natura tagħhom, l-iskop tagħhom jew l-għanijiet tagħhom għandhom ikunu s-suġġett ta' verifika minn qabel mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data”. L-Artikolu 27(2) jispeċifika li l-ipproċessar ta' data relatata mas-“saħħa”, “reati suspettati”, “reati” u “kundanni kriminali” jippreżenta riskji bħal dawn, u għalhekk jeħtieġ verifika minn qabel.
39. Minħabba li l-ipproċessar mill-Eurostat se jinvolvi data personali marbuta ma' dawn il-kategoriji, se tkun soġġetta għal verifika minn qabel <sup>(5)</sup>. Għalhekk, fil-qafas ta' proċedura ta' verifika minn qabel, il-KEPD jista' jipprovdi aktar gwida u rakkomandazzjonijiet speċifiċi rigward il-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data.

<sup>(1)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji tal-istatistika, KUMM(2005) 217 finali, (ĠU C 172, 12.7.2005, p. 22).

<sup>(2)</sup> Opinijiet tal-KEPD fil-qasam tal-istatistika, imsemmija hawn fuq.

<sup>(3)</sup> Skont il-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ESAC) tad-29.10.2010, “jidher li hemm nuqqas ta' ftehim persistenti, rigward il-kunċett ta' data kunfidenzjali; ir-riċerkaturi akkademiċi huma interessati fil-mikrodata anonimizzata, ma jippruvawx jaċċessaw id-data kunfidenzjali. Għalhekk dak li huwa mitlub huwa r-rilaxx ta' data anonimizzata fuq livell individwali”. (Minuti tas-6 laqgħa tal-ESAC tal-29.10.2010, p. 3, disponibbli fuq [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/esac/documents/6th%20ESAC\\_Minutes.pdf](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/esac/documents/6th%20ESAC_Minutes.pdf), l-aktar aċċess riċenti sar fis-17.8.2011).

<sup>(4)</sup> Ara l-paragrafi 15 u 16 ta' din l-Opinjoni.

<sup>(5)</sup> Għandu jiġi osservat li l-ipproċessar tad-data mwettaq mill-Istati Membri jista' jkun soġġett ukoll għal verifika minn qabel minn awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali tal-protezzjoni tad-data skont il-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data adottati skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 95/46/KE.

40. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8(2) tal-Proposta jiddikjara li arranġamenti prattiċi għall-iskema tal-kodifikazzjoni tad-data kodifikazzjoni u għall-iskambju tal-mikrodata se jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Il-KEPD jilqa' talba għall-konsultazzjoni rigward dawn l-arranġamenti prattiċi.

### II.6. Informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-data

41. Il-KEPD ifakkar li, minħabba li d-data se tinġabar direttament mill-Istati Membri mir-rispondenti, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE. Għalhekk, is-suġġetti tad-data għandhom jiġu infurmati, mill-inqas, dwar in-natura volontarja tal-istħarriġ u l-possibbiltà li jirrifjutaw li jwieġbu mistoqsija waħda jew aktar minn waħda; l-iskopijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar li għalihom tkun maħsuba d-data; l-identità tal-kontrollur; il-fatt li d-data se jra tinfbagħat lill-Eurostat, li jista' jagħti aċċess lir-riċerkaturi; u l-eżistenza tad-drittijiet ta' aċċess għal, rettifikazzjoni, imblokkar u tħassir tad-data; sakemm l-ipproċessar ma jkunx jaqa' taħt l-eċċezzjonijiet għal dawn id-drittijiet approvduti mil-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data.

### III. KONKLUŻJONIJIET

42. L-importanza tal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqasim tad-data ta' statistika għet rikonossuta ripetutament mill-KEPD. Madankollu, il-KEPD huwa mħasseb rigward l-ipproċessar ta' data sensitiva f'dan l-istħarriġ speċifiku u l-possibbiltà li jiġu identifikati vittmi u aggressuri ta' vjolenza fiżika u sesswali. Għalhekk, huwa jirrakkomanda, b'mod partikolari, dan li ġej:

- Id-deskrizzjoni tal-elementi varjabbli "l-identifikazzjoni tar-rispondent" u "min wettaq id-delitt" għandha tiġi modifikata biex tevita l-identifikazzjoni *diretta* bla bżonn tas-suġġetti tad-data. Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata wkoll l-identifikazzjoni *indiretta*, il-KEPD jirrakkomanda li l-mikrodata tiġi anonimizzata malajr kemm jista' jkun malajr fis-sens tal-Premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE u tal-Premessa 8 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 (l-ebda possibbiltà ta' identifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-mezzi kollha li x'aktarx li jistgħu jiġu raġonevolment użati).
- F'każ li minħabba l-livell ta' dettall li huwa meħtieġ għall-istħarriġ, l-anonimizzazzjoni tal-mikrodata fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 ma tistax tiġi garantita qabel it-trażmissjoni lill-Eurostat jew qabel ma jingħata aċċess lir-riċerkaturi, tista' tiġi pproċessata d-data li tkun anonimizzata fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 831/2002 (minimizzazzjoni tar-riskji ta' identifikazzjoni).
- Id-data kunfidenzjali għandha tintuża biss jekk ikun meħtieġ, jiġifieri jekk ma jistgħux jinkisbu l-istess skopijiet permezz tal-użu ta' data ta' mikrodata anonimizzata, u jekk din il-ħtieġa tkun iġġustifikata b'mod ċar fil-Proposta.
- F'dawn il-każijiet, l-"interess pubbliku sostanzjali" li jiġġustifika l-ipproċessar ta' data sensitiva għandu jiġi ċċarat aħjar u ddikjarat b'mod espliċitu fit-test tal-Proposta. Għandu jiġi żgurat ukoll li l-kategoriji kollha ta' data personali li għandha tinġabar u tiġi pproċessata huma rilevanti u mhux eċċessivi għal dan l-iskop speċifiku. Id-data rilaxxata lill-pubbliku għandha fi kwalunkwe każ tiġi anonimizzata fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
- Sakemm id-data tiġi anonimizzata fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001, għandhom jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-data personali pproċessata, skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, filwaqt li jitqiesu r-riskji rappreżentati mill-ipproċessar u n-natura sensitiva tad-data li għandha tiġi protetta. Barra minn hekk, l-ipproċessar għandu jkun soġġett għal verifika minn qabel mill-KEPD.
- Il-KEPD ifakkar li s-suġġetti tad-data għandhom jiġu infurmati bix-xieraq qabel tinġabar id-data tagħhom skont il-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data.



- 
- Fl-aħħar nett, il-KEPD kieku jilqa' talba għal konsultazzjoni rigward ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 831/2002 u l-arranġamenti prattiċi għall-iskema tal-kodifikazzjoni tad-data u għall-iskambju ta' mikrodata li se jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2011.

Giovanni BUTTARELLI  
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni  
tad-Dejta

---